(2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 80, 17.03.2012.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Novembru 2013 — Vitaminaqua vs UASI — Energy Brands (vitaminaqua)

**(Kawża T-410/12)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva vitaminaqua — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti VITAMINWATER — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti GLACEAU vitamin water — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2014/C 15/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Vitaminaqua Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: A. Krajnyák, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Németh u D. Walicka, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Energy Brands Inc. (Whitestone, l-Istati Uniti) rappreżentanti: S. Malynicz, D. Stone u L. Ritchie, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Ġunju 2012 (Każ R 997/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Energy Brands Inc. u Vitaminaqua Ltd.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Vitaminaqua Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 355, 17.11.2012.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Novembru 2013 — Gaumina vs EIGE

**(Kawża T-424/12)** ([1])

***("Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi ta' sostenn għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-EIGE — Ċaħda tas-sejħa ta' offerent — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2014/C 15/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* UAB Gaumina (Vilnius, il-Litwanja) (rappreżentanti: S. Aviža u D. Soloveičikas, avukati)

*Konvenut:* Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) (rappreżentanti: V. Langbakk, aġent, assistit minn J. Stuyck u A.-M. Vandromme, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EIGE tas-26 ta' Lulju 2012 li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tas-sejħa għal offerti EIGE/2012/ADM/13.

### Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) tas-26 ta' Lulju 2012 li tiċħad l-offerta magħmula minn UAB Gaumina fil-kuntest tas-sejħa għal offerti EIGE/2012/ADM/13 hija annullata.*

(2) *L-EIGE għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk ta' Gaumina.*

([1]) ĠU C 373, 01.12.2012.